# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar l-20 ta' Gunju 2023

**Rik. Gur. Nru.: 120/2022 JPG**

**Kawza Numru : 32**

**NF**

**Vs**

**U b'digriet tas-6 ta' Lulju 2022 gew nominati Dr Mario Caruana u PL Melissa Anastasi li gew nominati bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw lil LR peress illi l-indirizz tieghu mhux maghruf.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' NF datat 6 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

.

1. *Illi l-partijiet zzewgu fit-18 ta' Frar 2019 gewwa S liema zwieg gie registrat Malta permess ta' certifikat bin-numru 611/2019 hawn anness u mmarkat bhala Dok A u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal UR li twieled f'X u SF li twieldet f'Y (certifikati annessi u mmarkati Dok B) ghalhekk ghadhom minorenni;*

2. *Illi l-partijiet iltaqghu Malta 2015 u wara ftit marru jghixu gewwa S bl-iskop li tkun hajja ahjar biz-zewg ulied, izda l-intimat kien jhalli lil esponenti u uliedu*

*minghajr flus u jghixu f'kamra wahda ghax kienu go shared 'accommodation' waqt illi hu kien jaghmel granet shah ma jersaqx lejn id-dar u fil-fatt kien jkollhu relazzjonijiet ma' nisa ohra;*

3. *Illi ghalhekk l-esponenti telqet minn S biz-zewg ulied u giet lura Malta ghax kienu spiccawlha l-flus taghha u ma setatx tkompli fil-hajja li kienet qieghda tghix;*

4. *Illi meta l-esponenti kienet giet lura tghix Malta ma ulied il-partijiet l-intimat beda jweghda illi jekk jizzewwgu, hu jerga jigi jghix Malta maghha u ma uliedhom u kienu jaghqdu l-familja, ghalhekk l-esponenti telghet S biex tizzewweg u nizlet lura Malta tlett ijiem wara li izzewgu. L-intimat weghda li kellu jinzel jghix Malta u l-esponenti baqghet titama' u tistennieh sena shiha, izda l-intimat ma resaqx l hawn u l-esponenti saret taf illi kellu relazzjoni ma' mara ohra u li fl-istess perjodu kienet inqabdet tqila;*

5. *Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremdjabbilment minhabba eccessi, Minacci, sevizzi, theddid u offiza gravi fost affarijiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-ligi bi htija imputabbli unikament lill-konvenut.*

6. *Illi di piu' l-intimat ma kienx jhallas manteniment lil esponenti u ghalhekk kellha taghmel rikors li kellha problema bin-notifika stante li jbiddel l-indirizz spiss u llum hemm digriet ta' €500 fix-xahar illi ghalkemm jhallas xi manteniment fix-xahar jhallas ammont ferm anqas mill-ammont stabbilit skond id-digriet;*

7. *Illi l-esponenti ma tafx l-indirizz tal-intimat llum ghax meta talbituli qalilha li ma riedx jaghtihulha u ghalhekk l-esponenti ma tafx fejn qieghed jirrisjedi;*

8. *Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli;*

9. *Illi l-esponenti giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali (Dok C) u l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghtija minn dina l-onorabbli Qorti data 7 ta' April 2022, hawn annessa u mmarkata bhala Dok D;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba eccessi, Minacci, sevizzi, theddid, offiza, gravi u abbandun mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;*

2. *Tafda l-kura u kustodja u s-setgha ta' genitur taz-zewg minuri fuq imsemmija esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u tawtorizzha sabiex tiehu kwalunkwe decizjonijiet inkluz dawk relatati mal-hrug tal-passaport, mas-safar, mas-sahha u edukazzjoni tal-imsemmi minuri minghajr il-firma tal-missier;*

3. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli ghaz-zewg minuri, li jkopri ukoll l-ispejjes ta' dahha u edukazzjoni liema ammont ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti sakemm l-imsemmija tlett itfal jaghlqu l-eta' ta' tmintax (18)- il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jahdmu bi qliegh jew sa tliet u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeciedu li jibqghu jistudjaw u tipprovdi dwar kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;*

4. *Tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex jhallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata;*

5. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih internament jew in parte d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48, 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Tiddikjara xolta u tterminata l-kommunjoni tal-akkwist ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u torda li l-istess oggetti formanti l-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lil attrici u l-ohra lil konvenut mhux necessarja b'mod ugwali.*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi r-rikors promotur, id-digriet ta' din il-Qorti u l-avviz tas-smigh gie debitament notifikat skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuratur Deputat datata 15 ta' Marzu 2023, a fol 71 et seq li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti;*

2. *Illi l-esponenti jitolbu illi jinghataw kull informazzjoni dwar l-ahhar indirizz maghruf tal-assenti LR barra ninn Malta u/jew Stat iehor u kif ukoll dettalji maghrufa dwar kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni li permezz tieghu jista jsir kuntatt mal-assenti LR inkluz indirizzi elettroniku, numri tal-mobile tal-istess. Ir-rikorrenti ghandha wkoll tipprovdi, jekk dan hu possibbli l-ismijiet tal-familjari tal-assenti u kif ukoll l-ahhar indirizz maghruf ta' LR.*

3. *Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli skont il-Ligi f'kaz fejn il-kuraturi deputati noe jirnexxilhom jaghmlu kuntatt mal-istess assenti wara li jigu provduti bl-ahhar dettalji jew dawk id-dettalji maghrufa mir-rikorrenti.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kuratur Dr Mario Caruana fejn informa lill-Qorti illi ghamel kuntatt mal-konvenut permezz ta' messaggi mibghuta Whatsapp (vide fol 91);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

|

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 29 et seq)*** u spjegat illi hi iltaqghet mal-intimat permezz tal-midja socjali fis-sena 2015. Dak iz-zmien kellha ghoxrin (20) sena u hu kellu sebgha u ghoxrin (27) sena u kien jghix il-Hamrun. Wara li kienu ilhom flimkien f'relazzjoni sena, l-attrici harget tqila bl-ewwel wild taghhom, UR li twieled f'X. Illi wara sentejn, inqabdet tqila bit-tifla, SF li twieldet f'Y.

Sakemm kienet ghadha tqila bit-tifla, l-intimat kien issuggerixxa li jmorru jghixu gewwa l-S. Illi peress li hija xtaqet li flimkien jibnu hajja bhala familja, iddecidiet li tmur mieghu u filfatt

kienu telqu fi Frar tas-sena 2018. Dak iz-zmien hija kellha tlett xhur tqala, filwaqt li binhom kellu sena u nofs.

Fl-S kienu jghixu go appartament li kien “shared” ma xi erba’ (4) persuni ohra. Filfatt kellhom biss karma tas-sodda zghira u lanqas kellha fejn taghmel il-hwejjeg u kienu jorqdu fuq saqqu mal-art. Il-kamra tal-banju u l-kcina kienu *shared*. Illi ghalkemm l-intimat kien ihallas il-kera, ma kienx jaghtiha flus ghal-hajja, tant li l-attrici kienet kostretta tuza xi flus li hija kien irnexxilha iggemma. Iktar ma jghaddi z-zmien, aktar bdiet tinduna kem il-hajja taghha mal-intimat fl-S kienet ippeggorat sostanzjalment. L-attrici tispjega illi l-intimat kien jaghmel hin twil l’boghod mid-dar u eventwalment skopriet illi l-intimat kien qieghed jiltaqa’ ma’ xi nisa u anke kelli rapport extra-matrimonjali. Izzid illi wara xahrejn mit-twelied tat-tifla, kienet nizlet lura Malta ghaliex ma felhitx tghix aktar hemmhekk, tant li kienet qabditha *dipression*. L-intimat baqa’ l-S.

L-intimat kien weghda illi jekk tmur lura l-S, u jizzewgu, kien jinzel Malta, jsib xoghol Malta u jghixu bhala familja f’ Malta. Kien heddidha illi jekk ma jizzewgux kien ser jitlaqha b’zewgt itfal. Fi Frar ts-sena 2019, l-attrici halliet lit-tfal mal-genituri taghha, u telat l-S biex jizzewgu. Xahar wara d-data taz-zwieg, l-intimat kien nizel Malta sabiex jirregistraw z-zwieg taghhom, u inhareg permess ta’ residenza ghall-intimat. Illi sussegwentement rega’ tela’ l-S, ghaddiet sena u kien ghadu ma rritornax lura Malta. Illi l-kommunikazzjoni bdiet dejjem tonqos sakemm l-attrici indunat illi l-intimat kien qieghed f’relazzjoni ma’ persuna ohra, certu Henrietta, li ukoll kien harget tqila b’tewmin. Illi l-intimat kien ghazel li jibqa’ maghha l-S u kien ghalhekk illi l-attrici bdiet proceduri ta’ separazzjoni.

Tixhed illi l-intimat kien jheddidha li ser joqtolha u li ser jiehu lill-minuri UR, ghaliex hu beda jinsisti illi hu jiehu lit-tifel, filwaqt li l-attrici zzomm lit-tifla, ghaliex lit-tifla ma kienx jaghti kasha. Wara dik id-darba li nizel lura Malta sabiex jirregistraw iz-zwieg taghhom Malta, l-intimat nizel darba fis-sena 2021 ghal gimgha ghaliex ried li jara lit-tfal. Minkejja li hemm digriet tal-Qorti li l-intimat ghandu jivversa s-somma ta’ EUR 250 ghal kull wild, u dan apparti l-ispejjes t’sahha u edukazzjoni,l-intimat ma jhallasx il-manteniment regolarment. Illi kif hareg id-digriet beda jhallas EUR 300 flok EUR 500. Tikkonferma illi l-ahhar manteniment li gie versat da parti tal-intimat kien f’Awwissu tas-sena 2022.

L-attrici tispjega illi qieghda tirriskontra diffikultajiet fir-rigward tad-Duttrina, stante li tintalab il-firma tal-missier, u filfatt hija ma tistax tibghat lill-minuri UR ghall-lezzjonijiet tad-duttrina ma' shabu ta' tamparu.

***Sylvana Ungaro, Kap tal-Iskola, Kullegg Santa Tereza Imsida Primary, xehdet nhar id- 19 ta' April 2023 (vide fol 79 et seq)*** u spjegat illi l-minuri ulied il-partijiet jattendu l-imsemmija skola u li l-ghalliema tal-minuri infurmawha illi l-omm hija "*supportive*" hafna, il-minuri dejjem ikunu nodfa, u jkollhom *healthy lunches*. Illi meta kien hemm preokkupazzjoni fuq il-vista tat-tifel, l-omm mal-ewwel hadet azzjoni u hadet lill-minuri ghand specjalista.

In ***kontro-ezami,*** ix-xhud kkonfermat illi fir-rigward *parents' day* li qieghda ssir *online*, huma jirrikjedu biss il-presenza ta' genitur wiehed. Illi fir-rigward ta' dettalji tal-missier, l-iskola ghandha biss tat-tifel stante li t-tifla qieghda registrata fuq missier mhux maghruf.

***MF, missier l-attrici, xehed nhar id-19 ta'April 2023 (vide fol 82 et seq)*** u spjega illi bhalissa bintu l-attrici u uliedha ilhom tliet (3) snin jghixu mieghu u li qabel kienu marru jghixu l-S. Illi minn hemm kien beda l-inkwiet, u filfatt bintu nizlet lura b'zewgt itfal, filwaqt li l-intimat baqa' l-S. Jikkonferma illi bintu kienu gharfitu illi l-intimat kellu  diversi relazzjonijiet extra-matrimonjali u fiflatt ghandu zewgt itfal minn mara ohra. Illi kemm ilhom lura Malta, l-intimat gie lura Malta darba, izda qatt ma jkun regolari fil-hlas tal-manteniment, u issa ilu xi hames xhur ma jibghatilha flus ghall-minuri. Ix-xhud jixhed illi jidhirlu illi l-intimat jibghatilha madwar EUR 300. Jikkonferma illi l-attrici ma tahdimx, u t-tfal tiehu hsiebhom hi, waqt li hu u martu, jghinuha xi ftit bit-tfal, u jghinhua ukoll finanzjarjament. Jishaq illi ormai l-intimat qata' l-kuntatt kollu minn mat-tfal minn l-ahhar seduta 'l hawn, pero' l-intimat lit-tifel ifittxu iktar, u jkelmu aktar milli jkellem lit-tifla.

In ***kontro-ezami,*** ix-xhud jishaq illi l-attrici ma tahdimx ghaliex hija impenjata bl-impenji tal-minuri, u kemm hu u kif ukoll martu, ma jistghux jaghmlu t-tragitti tal-minuri. Jikkonferma illi l-kbir ghandu sitt (6) snin u z-zghir ghandha erba' (4) snin u t-tnejn imorru l-iskola. Jikkonferma illi qabel kellha l-minuri, l-attrici kellha xoghol ta' *cleaning*.

***L-ispettur Hubert Gerada xehed nhar il-31 ta' Mejju 2023, (vide fol 123 et seq)*** u esebixxa l-fedina penali tal-intimat kif ukoll tliet (3) rapport li saru mill-attrici fil-konfront tal-intimat, li jirrisalu ghas-snin 2022-2023.

***Ilona Celine Farrugia Mifsud xehdet nhar l-24 ta' Mejju 2023 (vide fol 125 et seq)*** u spjegat illi l-intimat kellu permess ta' residenza f'Malta bhala persuna ezenti, peress li huwa kien mizzeweg cittadina Maltija. Illi l-intimat kien applika l-ewwel darba fl-2019, b'dana illi il-card ta' residenza tieghu inharget debitament izda l-applikazzjoni tieghu giet revokata fil-21 ta' April 2021, u dana peress li d-Dipartiment gie infurmat illi l-intimat m'ghadux joqghod flimkien mal-mara tieghu. Ix-xhud tikkonferma illi minkejja li jkun hemm l-ulied, gialadarba ikun hemm separazzjoni, persuna ma tistax tibqa' tapplika bhala persuna ezenti pero' tista ssir applikazzjoni ohra fuq il-bazi li persuna huwa genitur ta' wild li huwa cittadin Malti.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba eccessi, minacci, sevizzi, theddid, offiza gravi u abbandun kommessi minnu kontra taghha, li rrendew il-hajja konjugali impossibli.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza millPrim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti." Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona - vide Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3; Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dicembru 1951; Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB*** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentejn jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-abbandun idum ghal sentejn jew

izjed, filwaqt li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba. Fil-*kawza* ***Andrea Avellino vs. Regina Avellino***[1], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

> ***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[2] fejn il-Qorti sostniet illi:

> ***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Frar 2019 gewwa Botkyrka Municipal Hall fl-S u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti *a fol 5.* Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt itfal, UR li twieled f'X u cioe qabel ma gie kontrattat iz-zwieg tal-partijiet, u l-minuri SF li twieldet f'Y, izda jirrizulta illi l-minuri giet registrata bhal wild missier mhux maghruf. Illi z-zwieg tal-partijiet kien wiehed brevi, filwaqt lil-intimat baqgha jirrisjedi l-S, l-attrici niezlet lura Malta biz-zewg minuri u marret tirrisjedi mal-genituri taghha.

[1] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

Illi mill-provi in atti jirrizulta illi l-intimat huwa assenti minn Malta, u ghalkemm il-Kuraturi Deputati irnexxilhom jaghmlu kuntatt mieghu permezz ta' skambju ta' messaggi, l-intimat baqa qatt ma ressaq l-ebda provi tramite l-abbli Kuraturi Deputati. Illi ghalhekk din il-Qorti hija kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija moralment konvinta illi l-intimat izzewweg lill-attrici bit-tir uniku u cioe' li maz-zmien huwa jikseb cittadinanza Maltija. Din il-Qorti rat illi minkejja li l-partijiet kellhom zewgt itfal, u kienu mizzewgin izda wara z-zwieg qatt ma ghexu ta' mizzewgin, ghaliex filwaqt li l-attrici kienet kostretta tqatta' granet shah f'appartament zghir b'zewg itfal zghar, nieqsa minn kull kummdita, l-intimat wara gurnata xoghol kien imur isib kumpanija niesa ohra. Illi kif appena l-intimat sar jaf illi ser ikun missier ta' tewmin ta' minn mara ohra ta' nazzjonalita Svediza, abbanduna lill-attrici u lil uliedu u baqa' l-S, minkejja dak kollu li wieghed lill-attrici. Illi jirrizulta b'mod car ukoll kif l-intimat qatt ma bena rapport ma' uliedu. Illi ghalkemm jidher illi l-intimat kien jhedded lill-attrici illi ser jiehu lill-minuri UR, din il-Qorti taghraf illi l-intimat qatt ma wera wisq interess fit-trobbija u l-edukazzjoni tal-minuri u dana kif jirrizulta mix-xhieda tal-Kap tal-Iskola fejn jattendi l-minuri. Illi fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti rat kif l-intimat, naqas mid-doveri tieghu ta' ragel mizzewweg u mid-doveri tieghu anke bhala genitur hekk kif indikati fl-artikoli 2 u 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta versu martu l-attrici u uliedu. Illi di piu', jirrizulta mix-xhieda indipendenti ucioe Ilona Celine Farrugia Mifsud, illi tikkonferma l-abbandun tal-intimat ghal perjodu ta zmien il-fuq minn sentejn il-ghalex tikkonferma r-revoka tar-*resident's permit* tal-intimat sa minn April 2021- vide xhieda fol 125. Illi huwa kwazi superflu jinghad illi l-kawza tal-abbandun kienet in gusta il-ghaliex kienet tikkonsisti f'relazzjoni extra-maritali da parti tal-intimat ma mara ohra illi minnha kellu tewmin. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-intimat a kawza ta' abbandun, adulterju, u kawza ta' nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg u genitur.

Illi maghdud ma' dan, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 40[3] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis li mill-assjem tal-provi, iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Fid-dawl tal-premess u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> ***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa ħati ta' abbandun kif ukloll adulterju u għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attrici f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

***Dar Matrimonjali:***

Mix-xhieda mhux kontestata tal-attrici jidher illi m'hemm l-ebda assi li jappartjenu lill-kommunjoni tal-akkwisti li ghadha *in vigore* bejn il-partijiet. Illi mit-testimonjanza tal-attrici u dik ta' missierha, jidher illi qabel ma telqu l-S, l-attrici u t-tfal kienu jirrisjedu mal-genituri

[3] Art. 40: Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlobil-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfaltiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbligħax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkienma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisserirrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta'dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkungħamlet it-talba għal dik ir-raġun.

tal-attrici, filwaqt li l-intimat kien jirrisjedi f'fond mikri. Illi similarment, meta kienu l-S, l-kontendenti kienu jghixu f'appartament taht titolu ta' kera, flimkien ma' persuni ohra.

***Kontijiet Bankarji:***

Illi ma ngabu l-ebda provi jekk il-partijiet kellhomx kontijiet bankajari kongunti, izda jidher illi l-attrici ghandha kont bankarju personali intestat f'isimha. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna illi l-kontijiet bankarji, flimkien mal-bilanci rispettivi qed jigu assenjati lil dik il-parti li f'isimha ikunu intestati, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa fil-kaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lil parti l-ohra;

Illi ulterjorment u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, dawn ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi di piu, din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li parti jew ohra ghamlet jew dahlet ghal xi djun jew krediti ohra, anke jekk fiz-zwieg, dik il-parti li tkun dahlet f'dana l-obbligu, ghandha b'mod esklussiv, taghmel tajjeb hi ghal dan id-dejn, krediti u/jew obbligi.

**Kura u Kustodja tal-minuri:**

L-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri iben il-partijiet li ghandu madwar sitt (6) snin u sabiex tigi awtorizzata tiehu kwalunkwe decisjonijiet relatati mal-istess minuri.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [4] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[5] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu***

[4] Enfazi tal-Qorti.
[5] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

> ***jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...**"*

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[6]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[7] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[8]

---

[6] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[7] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[8] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[9] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[10]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[11]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahjar interess tal-minuri".***[12]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties.***

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[10] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[11] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[12] Enfazi tal-Qorti.

> ***Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[13] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Din il-Qorti rat illi kienet dejjem l-attrici illi hadet hsieb it-trobbija, l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri. Illi minkejja li l-attrici marret mal-intimat l-S bit-tama illi flimkien huma jibdnu hajja bhala familja, l-intimat dejjem kellu prioritajiet ohra. Illi kif jirrizulta mit-testimonjanza tal-attrici u dik ta' missierha, l-intimat ilu xhur ma jaghmel kuntatt telefoniku mal-minuri, u minn wara li l-attrici nizlet lura Malta bil-minuri, l-intimat gie jzur lill-minuri darba biss fis-sena 2021. Illi din il-Qorti rat ukoll l-iskambju ta' messaggi bejn l-attrici u certu Henrietta Tengius *Odebrant* illi maghha l-intimat kellu tewmin *(vide fol 62 et seq).* Illi mill-messaggi skambjati jidher illi din il-persuna, wara li kellha tewmin mill-intimat giet abbandunata mill-intimat bl-istess manjiera li l-intimat abbanduna lill-attrici u lill-uliedha. Jidher illi l-intimat abdika mir-responsabbilita tieghu ta' genituri versu dawn it-tewmin ukoll.

[13] Enfazi tal-Qorti.

Illi ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-attrici **omm ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri**, b'dana illi kwalsiasi decisjonijiet straordinarji jew ordinarji, rigwardanti l-minuri, inkluz izda mhux limitatament ghall-hrug ta' passaport u t-tigdid tieghu, safar, decisjonijiet medici u edukattivi, ghandhom jittiehdu **unikament** mill-attrici omm minghajr il-kunsens firma jew presenza tal-intimat. Illi di piu', il-Qorti tordna illi l-minuri ghandhom jirrisjedu mal-attrici omm. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, u dana fl-ahjar interess tal-minuri wild il-partijiet.

Illi fir-rigward ta' access, din il-Qorti taghraf illi gialadarba l-intimat huwa assenti mill-pajjiz u ormai ilu xhur ma jaghmel kuntatt telefoniku mal-minuri, ma tqisx illi wara tali assenza mill-hajja tal-minuri, ikun fl-ahjar interess tal-istess minuri li jigi ordnat xi forma ta' access mal-intimat.

***Manteniment***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont ilbżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew ilpensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din ilpersuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Il-Qorti rat illi kif ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

> ***"Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul."***

Din il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza millQorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, loneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghall-manteniment taghhom."***

Din il-Qorti taghraf illi fil-verbal tal-udjenza tal-31 ta' Mejju 2023 (vide fol 117), l-attrici b'referenza ghal-certifikat tat-twelied tal-minuri SFa fol 7 tal-atti, u minkejja li l-minuri ghandha kunjom l-intimat imnizzel fic-certifikat tat-twelied bhala parti minn kunjomha, il-minuri kienet registrata bhala wild missier mhux maghruf, u ghalhekk l-attrici talbet lil din il-Qorti tastjeni milli tipprovdi ghall-manteniment tal-istess minuri SF, stante li l-attrici ghandha tipprocedi bi procedura ghall-filjazzjoni tal-istess.

Mill-provi in atti gie konvincentement ippruvat illi l-oneru tat-trobbija tal-minuri waqa' unikament fuq spallejn l-attrici (u l-genituri taghha), li dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet tal-minuri. Illi din il-Qorti rat illi permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta datat 30 ta' Awwissu 2021, fl-atti tal-Ittra tal-Medjazzjoni bin-numru 237/2020 AL, l-intimat gie ordnat jghaddi manteniment ta' EUR 250 fix-xahar ghal kull wild, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri.

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jibqa' jivversa s-somma ta' EUR 250 kull xahar bhala manteniment ghall-minuri UR, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Il-Qorti tordna wkoll illi l-manteniment ordnat ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Din il-Qorti rat ukoll illi l-ahhar manteniment gie vversat mill-intimat kien dak t'Awwisu tas-sena 2022 u ghalhekk il-manteniment ghal dawn l-ahhar disa' (9) xhur ghadu dovut u ghalhekk l-intimat ghandu jhallas l-ammont ta' elfejn, mitejn u hamisn euro (EUR 2,250) rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghall-minuri UR lill-attrici.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzaha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut nomine;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna illi l-attrici ghandha tkun vestita bill-kura u kustodja esklussiva taz-zewg minuri, b'dana illi hija awtorizzata tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet ordinarji jew straordinarji relatati mal-minuri inkluz izda mhux imitatament dawk relatati mal-ħruġ u tigdid tal-passaport, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri minghajr il-kunsens, firma jew presenza tal-intimat u tordna li l-imsemmi minuri ghandhom jirrisjedu esklussivament mal-attrici omm;**
3. **Tilqa it-tielet talba limitatament u tordna lill-intimat ihallas lill-attrici is-somma ta' EUR 250 kull xahar bhala manteniment ghall-minuri UR liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni. Il-Qorti tordna illi dana l-ammont ghandu jinqata' direttamet minn kwalsiasi beneficcji socjali u/jew dhul iehor li jippercepixxi l-intimat u ghandu jibqa' jithallas sal-eta' hekk kontemplata mill-ligi. Dana l-ammont ghandu jigi vversat f'kont bankarju tal-ghazla tal-attrici. Ulterjorment, il-Qorti tordna illi l-manteniment ordnat ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.**
4. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba stante li dak rikjest huwa sorvolat**

**in vista ta' dak deciz hawn fuq;**

5. **Tilqa l-hames talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili;**
6. **Tilqa' is-sitt talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet; u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti kif segwenti:**
   i. **Tassenja dawk il-kontijiet bankarji intestati fuq isem l-attrici, lill-attrici; filwaqt li fl-eventwalita li jezistu kontijiet bankarji f'isem l-intimat, tassenja dawk il-kontijiet bankarji intestati fuq isem il-konvenut lill-istess konvenut;**
   ii. **Tordna illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li lilha jkunu jappartjenu jew jkunu intestati f'isimha. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li lilha jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lill-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom u dana entro xahar mid-data ta' din is-sentenza;**

7. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku;**

**L-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittri ta' medjazzjoni, ghandhom ikunu a karigu tal-intimat, izda provizorjament jithallsu mill-attrici**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**